MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-3 ta' Awwissu, 2012

Citazzjoni Numru. 519/2012

**Marija Evelina *sive* Marija-Evelina Spiteri**

**-vs-**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fl-24 ta' Mejju 2012 li permezz tiegħu l-attriċi ppremettiet:

1 Illi l-esponenti twieldet il-Pieta' fl-erbatax (14) ta' Lulju elf disa' mija u wieħed u disgħin minn Hector Spiteri u martu Erika xebba Pace;

2. Illi fiċ-ċertifikat tat-twelid tar-rikorrenti maħruġ mir-Reġistru Pubbliku bin-numru tlieta sitta sebgħa zero (3670) tas-sena 1991 anness u mmarkat Dok "A" , l-isem

tar-rikorrrenti fil-kolonna "Ismijiet mogħtijin" jidher bħala Marija Evelina";

3. Illi *inoltre* dan fil-kolonna "Isem jew ismijiet li bihom it-tarbija għandha tiġi msejħa" tniżżlu l-ismijiet "Marija Evelina minflok "Marija-Evelina";

4. Illi dan l-isem jidher ukoll fid-dokumenti uffiċjali bħal ma hi l-karta tal-Identita' – kopja hawn annessa u mmarkata Dok 'C';

5. Illi r-rikorrenti pero', sa minn meta kienet ta' eta' żgħira (ta' seba' snin) l-isem tagħha dejjem tniżżel bħala "Marija-Evelina" u mhux Marija Evelina" u kompla jitniżżel hekk sal-lum kif jidher u huwa evidenti minn diversi dokumenti annessi u mmarkati Dok 'D – I' u kif ser jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

6. Illi tali nkonsistenza qed tikkawża fil-futur, diffikultajiet lir-rikorrenti u għalhekk issa li wasslet biex tiggradwa mill-Universita' ta' Malta – Dok 'J' – l-esponenti tixtieq illi d-dokumenti uffiċjali jirriflettu l-isem attwali li ilha tuża, u ċjoe' dak ta' "Marija-Evelina";

7. Illi r-rikorrent għandha nteress skond il-liġi, *intre alia ai termini* tal-artikolu 253 tal-Kap 16 li ssir d-debita korrezzjoni;

Għaldaqstant, in vista ta' suespost din l-Onorabbli Qortiqed tiġi mitluba sabiex prevja kull dikjarazzjoni neċessarja u opportuna, inkluż li tordna l-opportuna pubblikazzjoni ta' avviż *ai termini* tal-Artikolu 254 tal-Kap 16, jogħġobha:

1. Tiddikjara illi l-isem li bih ir-rikorrenti hija konsistentement magħrufa u msejħa jinkiteb "Marija-Evelina" u mhux Marija Evelina;

2. Tordna lill-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku, sabiex għar-raġunijiet hawn fuq imsemmija, huwa jikkoreġi ċ-ċertifikat tat-twelid minnu maħruġ, bin-numru tlieta sitta sebgħa zero (3670) tas-sena 1991 fis-

sens illi l-kolonna intestata “Ismijiet mogħtijin’ kif ukoll il-kolonna intestata “Isem jew ismijiet li bih / bihom it-tarbija għandha tiġi msejħa” l-isem ‘Marija Evelina’ jiġi sostitwit bl-isem ‘Marija-Evelina’.

Bl-ispejjeż kollha kontra l-konvneut li huwa issa nġunt għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-attriċi u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut, Direttur tar-Reġistru Pubbliku ppreżentata fis-26 ta’ Lulju 2012, li permezz tagħha eċċepixxa:

1. Illi *in linea* preliminari jingħad illi huwa meħtieġ li tal-inqas ħmistax-il ġurnata qabel is-smigħ tal-kawża ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern *ai termini* tal-Artikolu 254 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta’ Malta;

2. Illi għal dak li jikkonċerna mal-mertu tal-kawża l-esponent jirrimetti ruħu għad-deċiżjoni ta’ din l-Onorabbli Qorti salv pero’ li l-provi miġjuba jkunu l-aħjar u sodisfaċenti f’għajnejn il-liġi;

3. Illi finalment mingħajr ħsara għall-premess l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil da parti tal-esponent u kwindi huwa m’għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti, tenut kont ukoll tal-fatt li kien missier ir-rikorrenti stess, u ċjoe’ Hector Spiteri li kien għamel id-dikjarazzjoni fl-Att tat-Twelid *de quo* u kien anke ffirma li l-informazzjoni li hemm kontenuta kienet waħda korretta;

4. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qiegħda tiġi nġunta in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut, Direttur tar-reġistru Pubbliku u l-lista tax-xhieda.

Rat l-affidavits;

Rat illi fil-verbal tas-seduta ta' llum stess, il-kawża tħalliet għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-attriċi qed tagħmel din it-talba *ai termini* tal-Artikoli 253 *et sequitur* tal-Kodiċi Ċivili li jagħti dritt li kull persuna li tagħmel talba ġudizzjarja, korrezzjonijiet u reġistrazzjoni ta' ismijiet tal-atti tal-istat ċivili.  Il-pubblikazzjoni *ai termini* tal-Artikolu 254 saret debitament.

Illi t-talba attriċi fir-rigward hija evidentement ġustifikata billi kif hija dejjem issejħet u kitbet isimha **Marija-Evelina**. Jidher pero' li l-konvenut ma jaħtix għall-iżball u għalhekk ma għandux ibati spejjeż.

**Għaldaqstant għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi l-kawża billi tilqa' t-talbiet attriċi kif dedotti.**

**L-ispejjeż tal-kawża pero' jkunu sopportat mill-attrici.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------